**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kawza Numru: 8545/2023**

**Il-Pulizija**

***(Spettur Paul Camilleri u MCCAA)***

**vs**

**Luca Boselli**

**Andrea Vincenzo Cirami**

**John Mifsud**

**Lidl Malta Limited**

Illum, id-9 ta' Gunju 2025

azzjoni migjuba kontra:

**1. Luca Boselli ID: AY8569781**

iben: n/a Imwieled/a: I-Italja bhala Direttur u Segretarju tas-Socjeta Lidl Malta Limited C36317

Res: Via Santa Sofia N.12, Milano (MI) Italy or c/o Lidl Malta Limited C36317, Vassallo Business Park, Burmarrad Rd. Naxxar.

**2. Andrea Vincenzo Cirami ID: 196189M**

iben: Maurizio u Carmela Bianca nee' Agius Imwieled/a: Pieta nhar I-24.04.1989

Res: 74, Triq Ninu Cremona, Paola or c/o Lidl Malta Limited C36317, Vassallo Business Park, Burmarrad Rd. Naxxar.

**3. John Mifsud ID: 164175M**

iben: Joseph u Josephine nee Muscat Imwieled/a: Pieta nhar I- 18.03.1975 bhala District Manager

Res: 32, Sbejha, Pjazza tal-Gublew tad-Djamanti, Mqabba or c/o Lidl Malta Limited C36317,

**4. Lidl Malta Limited C36317**

indirizz: Vassallo Business Park, Burmarrad Rd. Naxxar.

Akkuzati talli fil-kapacita taghhom personali u/jew fil-Kapacita taghhom bhala impjegati tas-Socjeta Lidl Malta Limited C36317 nhar it-8 ta' Novembru 2022 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, bhala negozjant jew kummercjant jew persuna li

topera kummercjalment I-hanut Lidl fi Triq il-Karmnu, Luqa il-fuq imsemmija Lidl Malta Limited C36317 :

*Kissret u/jew naqset li thares id-dispozizzionijiet tar-Regolamenti dwar Prezzijiet indikati skont I-Att dwar I-Affarjiet tal-Konsumatur (Legislazzioni Sussidjarja (L.S.) 378.09 peress li fil-mument tal-has da parti tal-konsumaturi, I-imsemmija kumpanija mponiet prezzijiet ikbar mill-prezzijiet indikati, meta l- prezz indikat ghandu jkun I-prezz ahhari ghall-bejgh bl-imnut jew il-prezz ahhari ta' unita (ksur tar-regolament 5) tal-L.S 378.09 fid-dawl kemm tad-definizzioni tal-kelma 'prezz' fl-artikolu 2(2) tal- L.S 378.09 u kif ukoll tal- artikolu 3 tal-*

Il-Qorti giet mitluba li kemm il-darba tirrizulta I-htija, timponi fir-rigward tal-akkuzati I-multa jew il-multi u tordna I-pubblikazzioni tas-sentenza mghoddija fuq min jinsab hati, ai termini tar-regolament 9(3) tal-L.S. 378.09.

Rat illi kemm il-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2024 u li l-provi tad-difiza inghalqu implicitament fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2025 meta fil-fatt saret it-trattazzjoni.

**Ikkunsudrat :**

**Fatti fil-Qasor**

Illi dawn il-proceduri iduru madwar l-allegazzjoni li f'zewg okkazjonijiet, waqt spezzjonijiet fl-istabbiliment LIDL f'Hal Luqa, instab li din l-azjenda imponiet prezzijiet ikbar mill-prezzijiet indikati fuq tlett prodotti partikolari meta skont il-ligi, il-prezz indikat għandu jkun l-prezz aħħari għall-bejgħ bl-imnut jew il-prezz aħħari ta' unità. Dawn il-proceduri gew mibdija wara kwerela minn naha tal-MCCAA.

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel referenza ghax xhieda li nstemghet quddiemha *viva voce*.

Fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2024 xehdet Grace Stivala, Direttur Generali Affarijiet tal-Konsumatur li kkonfermat taht gurament l-awtorizzazzjoni taghha sabiex l-Avukati Dr Irene Bonello u Dr Lisa D'Amato jmexxu l-prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri.

Fis-seduta tat-8 ta' April 2024 xehed Joseph Spiteri, Direttur tal-Inforzar fi hdan l-MCCAA. Spjega li fit-13 ta' Ottubru 2022, bhala Direttur kien ordni xi spetturi sabiex jaghmlu sample shopping basket ta' 20 prodott mill-istabbiliment LIDL ta' Hal-Luqa biex jigi verifikat jekk il-prezz mizmum skont l-ircevuta jaqbilx ma dak indikat mal-prodott fuq l-ixkaffa. Kienu rrizulta divarju wiehed projbit u cioe' bottijiet tal-kappar li kienu mmarkati bil-prezz ta' €0.89 meta l-prezz verament kien ta' €1.25. Saret spezzjoni ohra fit-8 ta' Novembru 2022 wara li kienu dahlu aktar ilmenti mill-konsumaturi. Din it-tieni darba, minn 20 prodott, instab li kien divarju relattiv ghal 2 prodotti. Dawn kienu 'Grated Pecorino Romano' li kien immarkat €2.29 meta l-prezz verament kien €2.69 kif ukoll 'Worchester sauce' li kien immarkat €0.99 meta l-prezz verament kien €1.05. L-ufficjali involuti kienu George Mangion, Angela Coleiro, Lilian Attard u Rose Anastasi. Jghid li f'investigazzjoni li saru fil-hwienet tal-LIDL wara, kien instab kollox sew.

Fl-istess seduta xehed George Mangion, enforcement officer mal-MCCAA. Jghid li fit-13 ta' Ottubru 2022 hu flimkien ma Lilian Attard kienu nvoluti u kienu taw twissija verbali lil wiehed mill-haddiema li kien hemm. Imbaghad kien hemm ezercizzju iehor fit-8 ta' Novembru 2022 fejn kien inhareg avviz bil-miktub u eventwalment, hargu l-imputazzjonijiet mertu ta' dawn il-proceduri. Fit-tieni spezzjoni kien akkumpanjat minn Rose Anastasi. In kontro-ezami jghid li huwa ma kienx kellem lil Andrea Cirami.

Fl-istess seduta xehed ukoll Joseph Debono, rapprezentant tal-Ufficcju tal-Kummissarju tat-Taxxi li kkonferma li n-numru tal-VAT 17673409 jghajjat lil LIDL Malta Limited.

Fl-istess seduta xehed Louis Buhagiar f'isem Jobsplus. Fir-rigward tal-imputat Luca Boselli ma nstabet l-ebda job history. F-rigward ta' Andrea Vincenzo Cirami u John Mifsud instabet informazzjoni u giet debitament ipprezentata mix-xhud.

Fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2014 xehdet Claudia Diacono f'isem il-Malta Business Registry li pprezentat kopja tal-fajl tal-kumpanija LIDL Malta Limited (C-36317). Ikkonfermat li l-imputat Luca Boselli huwa wiehed mid-Diretturi tal-kumpanija, wiehed mir-rapprezentanti legali kif ukoll is-Segretarju.

Fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2024 xehed Mark Vassallo, li jokkupa l-kariga ta' finance manager ma LIDL Malta Limited, u dan sa mill-2016. Spjega li tibdil fil-prezz jaf ikun temporanju, bhal fil-kaz ta' promozzjoni limitati, jew permanenti, bhal meta prodott joghla jew jorhos minn naha tas-suppliers. Hemm

dipartiment appozitu li jiehu hsieb l-inventarju tal-prodotti u l-prezzijiet. Fiz-zmien relevanti l-bdil tal-prezzijiet kien isir manwalment u bejn Settembru u Dicembru 2022 kien hemm madar 500 bidla permanenti fix-xahar u 800 bidla temporanja. Jghid li prezent hemm sistema tal-prexxijiet elettronika u li permezz taghha l-prezzijiet indikati u l-prezzijiet fil-cashes bilfors iridu jaqblu. In kontro-ezami jinnega s-suggeriment li l-bidliet kollha li semma ma kienux riflessi fil-prezzijiet indikati izda walifika li hu ma kienx jibdel il-prezzijiet hu u allura ma kienx ikun prezenti fil-hwienet.

Fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2024 xehdet Stefania Calafato Testa, Assistent Registratur tal-Qrati Kriminali, li pprezentat ver kopja tas-sentenza fl-ismijiet *Pulizija vs Helder Rocha et* moghtija fl-24 ta' April 2024 mill-Magistrat Dr Donatella Frendo Dimech.

**Ikkunsidrat:**

**Preskrizzjoni**

Illi wara li l-abbli difensuri tal-imputati resqu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, il-Qorti rat li l-istess imputati ma ġewx notifikati fl-indirizz residenzjali iżda fuq il-lant tax-xogħol fejn in-notifika tħalliet ma' persuna terza. L-artikolu 362 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

> *362. (1) Iċ-ċitazzjoni għandha tingħata f'idejn il-persuna li għandha tiġi mħarrka, u jekk din ilpersuna ma tkunx tista' tinsab faċilment, iċ-ċitazzjoni għandha titħalla fid-dar fejn hija soltu tkun toqgħod. Fil-każ il-wieħed u l-ieħor, l-uffiċjal esekutur għandu jagħmel rapport ta' dan lill-qorti.*

Issa, skond ir-regolament 9(2) tar-Regolamenti dwar Prezzijiet indikati skont l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, azzjonijiet ta' din ix-xorta huma prosegwibbli fi zmien sena.

L-ewwel notifika li jidher li saret lill-Luca Boselli kienet fis-7 ta' Novembru 2023 f'idejn certu "Gabriella Tabone" fl-indirizz LIDL Malta Limited, Vassallo Business Park, Burmarrad, Naxxar. Li allura ma tissodisfax il-vot tal-ligi. Deher quddiem il-Qorti fis-seduta tat-8 ta' April 2024. Ghalhekk, fil-konfront tieghu, il-kaz huwa certament preskritt.

Intant, is-socjeta' LIDL Malta Limited innifisha qatt ma giet notifikata b'dawn il-proceduri u fil-fatt, in atti ma giet prezentata l-ebda riferta. Ghalhekk, fil-konfront taghha ukoll, il-kaz huwa jkarament kolpit bil-preskrizzjoni.

Mill-banda l-ohra, fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2023 dehru l-imputati Andrea Vincenzo Ciramo u John Mifsud, ghalkemm ma gewx prezentati riferti, stante li d-dehru taghhom quddiem il-Qorti kienet entro l-perjodu ta' sena mid-data tal-allegat reat, l-imputazzjoni fil-konfront taghhom mhux preskritta.

**Ikkunsidrat:**

**Mertu**

Illi mill-provi li rat din il-Qorti, jirrizulta ben car li waqt l-ispezzjoni tat-13 ta' Ottubru 2022 fl-istabbiliment LIDL ta' Hal Luqa kien hemm bottijiet tal-kappar li kienu mmarkati bil-prezz ta' €0.89 meta l-prezz verament kien ta' €1.25. Ukoll, waqt l-ispezzjoni tat-8 ta' Novembru 2022 irrizulta li kien hemm gobon mahkuk 'Grated Pecorino Romano' li kien immarkat €2.29 meta l-prezz verament kien €2.69 kif ukoll 'Worchester sauce' li kien immarkat €0.99 meta l-

prezz verament kien €1.05. Ghalhekk, l-imputazzjoni tirrizulta sal-grad rikjest mill-ligi.

**Decide**

**Il-Qorti, wara li rat ir-Regolamenti 4 u 5 tal-Avviz Legali 283 tas-sena 2002, filwaqt li tiddikjara l-procediment fil-konfront tal-imputati Luca Boselli u Lidl Malta Limited C36317 bhala estint a bazi tal-preskrizzjoni, qed issib biss lill-imputati Andrea Vincenzo Ciremi u John Mifsud hatja tal-imputazzjoni dedotta kontrihom u tikkundannahom ghall-piena ta' multa ta' mitejn u hamsin Euro (€250) kull wiehed.**

**Moghtija illum nhar id-9 ta' Gunju 2025 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Courtney Zahra**

**Deputat Registratur**